MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Numru 1054/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Agius)**

**vs**

**JOSEPH SALIBA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Saliba ta’ 42 sena bin Roque u Josephine nee’ Ellul imwieled Gudja fil-11 ta’ Lulju 1964 u residenti 19, ‘Marantha’ Triq l-Ghelejjel, Gudja detentur tal-karta ta’ l-identita numru 389164(M).

U gie akkuzat talli:

Fis-7 ta’ Ottubru 2006, ghal habta tas-sitta u nofs ta’ filghodu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta Gudja ingurja, jew hedded, jew ghamel offizi fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe lil P.S. 1361 Raymond Busuttil, P.S. 469 Matthew Azzopardi u P.C. 1088 Claudio Izzi Savona, waqt li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe lil P.S. 1361 Raymond Busuttil, P.S. 469 Matthew Azzopardi u P.C. 1088 Claudio Izzi Savona waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal P.S. 1361 Raymond Busuttil u volontarjament kkagunalu feriti ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Kenneth Vassallo M.D.;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal P.S. 469 Matthew Azzopardi u volontarjament kkagunalu feriti ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Marcel Tufigno M.D.;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita jew ta’ persuni li jkunu inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom u cioe lil P.S. 1361 Raymond Busuttil, P.S. 469 Matthew Azzopardi u P.C. 1088 Claudio Izzi Savona;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika il-bon ordni b’ghajjat u glied;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew idicenti jew kien hemm kliem li jikkonsisti f’dagha;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bi kliem insulenta jew hedded lil Christian Meilaq u Hershen Sciberras.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi rama, tefa' halla, jew xort'ohra qattar jew iddepozita xi zibel f'xi post pubbliku.

U aktar talli kiser kondizzjoni ta' *Probation Order* ai termini ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn, liema kondizzjoni giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) – Magistrat Dr. Anthony Vella LLD – b'sentenza tal-31 ta' Lulju 2006

Il-Qorti giet mitluba illi tipprovdi ghas-sigurta' ta' P.S. 1361 Raymond Busuttil, P.S. 469 Matthew Azzopardi u P.C. 1088 Claudio Izzi Savona, Christian Meilaq u Hershen Sciberras u tapplika l-providimenti ta' l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. AJP1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur kif assistit minn Dr Aaron Bugeja ghall-Prosekuzzjoni, u Dr Stephen Tonna Lowell u l-PL Mario

Mifsud Bonici ghall-imputat iddikjaraw li nkwantu ghall-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ksur ta’ Probation Order, liema Probation Order giet imposta fuq l-imputat b’Sentenza datata 31 ta’ Lulju, 2006, illum jirrizulta, u dana b’mod car minn dak li xehed il-Psikjatra Dr Joseph Spiteri senjatament fis-Seduta tat-13 ta’ Lulju, 2010, li meta l-imputat kien ikkommetta r-reati li bihom inghata s-Sentenza msemmija tal-31 ta’ Lulju, 2006, l-imputat kien qieghed ibati minn kundizzjoni ta’ Manic Depressive Psychosis aggravat b’abbuz tal-alkohol u li tali cirkostanzi iwasslu li fil-kaz li din il-Qorti jidhrilha opportun li ma taghtiex piena karcerarja lill-imputat inkwantu ghall-ahhar akkuza migjuba kontra tieghu, il-Qorti tista’ tinvoka l-artikolu 21 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta bhala kundizzjoni specjali u straordinarja tal-istat tal-imputat. Il-partijiet ukoll qablu li nkwantu ghall-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat, tali kundizzjoni medika ta’ Manic Depressive Psychosis kienet ukoll tissussisti fl-imputat meta kkometta tali reati u ghalhekk il-Qorti hija mitluba tikkunsidra tali stat ta’ fatt fl-ghoti tal-piena rigwardanti dawn l-akkuzi. Il-partijiet hawn jissottolinjaw il-fatt li skond dak li xehed il-Psikjatra Dr Joseph Spiteri f’din il-kawza jirrizulta li meta l-imputat inghata it-trattament mediku ghall-kundizzjoni tieghu huwa rregistra progress sostanzjali u dan minkejja l-fatt li hu kien ukoll qieghed ibati minn cancer.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Stephen Tonna Lowell u l-PL Mario Mifsud Bonnici ghall-imputat iddikjaraw li fil-kaz li l-Qorti sejra fost il-mizuri li joghgobha taghti lill-imputat taghti wkoll Probation a tenur tal-artikolu 7 tal-Kap.446, l-imputat minn issa jiddikjara li fost il-kundizzjonijiet tal-Probation li l-Qorti jidhrilha li ghandha taghmel huwa jaccetta li jsegwi lill-Psikjatra Dr Joseph Spiteri tul il-perjodu kollu tal-Probation kif ukoll lil Manuel Mangani nkwantu l-kwistjoni ta’ abbuz mill-alkohol ukoll tul il-perjodu kollu tal-Probation.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Il-Qorti tiddikjara li wara li ezaminat l-atti processwali u hawn taghmel senjatament referenza ghal dak li xehed il-

Psikjatra Dr Joseph Spiteri, hi tal-fehma li f'dan il-kaz jissussistu ragunijiet specjali u straordinarji li jiggustifikaw li l-Qorti, nkwantu ghall-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Joseph Saliba, tapplika dak previst fl-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante li meta l-imputat Joseph Saliba kien ikkommetta r-reati li bihom inghata s-Sentenza msemmija tal-31 ta' Lulju, 2006 l-imputat kien qieghed ibati minn kundizzjoni ta' Manic Depressive Psychosis, liema kundizzjoni kien ukoll ibati biha l-imputat meta ikkommetta ir-reati addebitati lilu f'din il-kawza u inoltre il-Qorti sejra ticcita is-segwenti bran mid-deposizzjoni li taha l-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri fis-seduta tat-13 ta' Lulju, 2010: "Nixtieq nghid illi jiena bhala improvement fil-konfront ta' l-imputat rajt wiehed sinifikanti u dana mill-perjodu li jiena bdejt narah mill-ewwel darba fis-sena elfejn u sebgha (2007) sa llum. Nghid qabel dana kien ikun imdejjaq fix-xoghol tieghu llum dana jmur ghax-xoghol b'mod regolari u qieghed igawdi l-familja tieghu. Nghid illi fil-fatt jiena l-informazzjoni li ghandi hi illi l-problemi li l-imputat kellu fil-familja tieghu u senjatament ma' martu illum huma problemi tal-passat u huma rizolti."

Rat l-artikoli 17, 21, 95, 96, 339(1)(d), 221, 338(ee), 338(dd), 338(bb), 342 u 339(1)(e) tal-Kap. 9, artikoli 3 u 9 tal-Kap. 206 u l-artikoli 7 u 23 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Saliba, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz senjatament is-suespost, nkwantu ghall-akkuzi kollha salv l-ahhar akkuza tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Joseph Saliba taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u li l-imputat ikun assistit biex jeghleb l-abbuz mill-alcohol u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Joseph Saliba ghall-piena ta' hames mija u tnejn u tmenin Euro u erba' u tletin centezmi ta' Euro (Euro 582.34) multa u nkwantu ghall-ahhar akkuza migjuba kontra l-istess imputat Joseph Saliba, bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet esposti aktar qabel f'din is-

Sentenza, tikkundanna lill-imputat Joseph Saliba ghall-piena ta’ elf u mija u erba’ u sittin Euro u disa’ u sittin centezmi ta’ Euro (Euro 1,164.69) multa.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Joseph Saliba b’obbligazzjoni personali ta’ elfejn Euro (Euro 2000) li jzomm il-kwiet ma’ P.S. 1361 Raymond Busuttil, P.S. 469 Matthew Azzopardi u P.C. 1088 Claudio Izzi Savona, Christian Meilaq u Hershen Sciberras u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Inoltre il-Qorti tirrakommanda lill-imputat Joseph Saliba li jsegwi kura psikjatrika u assistenza professjonali kontra l-abbuz mill-alcohol tul il-perjodu kollu tal-Probation.

Il-Qorti tordna li d-digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-probation order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna in-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Joseph Saliba.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Joseph Saliba l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------